# MINUTI

## Laqgħa Annwali tal-Lokalita' Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru LAL/02/2022

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2022

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar laqqa' lill-pubbliku għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' fl-fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar Għawdex' nhar L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

ATTENDENZA MILL-PUBBLIKU: 4

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

Din il-laqgħa ssejħet skont kif jistipula Artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Għal din il-laqgħa setgħu jieħdu sehem r-residenti li isimhom jidher fuq l-aħħar reġistru elettorali tal-Munxar, li dawn ġew innotifikati permezz ta' avviż li tqassam f'kull residenza.

### 2.1 Qari u approvazzjoni tal-minuti;

2.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti tal-aħħar laqgħa pubblika bin-numru LAL/01/2022 u dawn ġew approvati minn dawk preżenti u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 2.2 Komunikazzjoni mis-Sindku;

2.2.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lil dawk preżenti dwar ix-xogħol li twettaq mill-Kunsill Lokali matul is-sena 2022 fejn elenka l-proġetti infrastrutturali, ix-xogħol fil-qasam soċjo-kulturali u dak amministrattiv.

Dwar il-proġetti infrastrutturali li saru matul is-sena 2022, is-Sindku semma fost oħrajn, il-proġett ta' tisbieħ fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar, il-proġett ta' diversi kilometri ta' ħitan tas-sejjieħ, ir-restawr tat-torri tax-Xlendi, il-bini ta' belvedere ġdid fi Triq L-Isqawi, ix-xogħol ta' manutenzjoni estensiv fi Ġnien il-Professur Ġużè' Aquilina, wiċċ ġdid għal 5 a-side pitch fil-Munxar u l-proġett WIFI4EU.

Dwar il-qasam soċjo-kulturali, is-Sindku semma diversi inizjattivi li ħa l-Kunsill waqt is-sena 2022, uħud b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet volontarji tal-lokalita, fosthom l-attivita' 'Xlendi Sunset Festival', il-programm tas-Sajf 'I Love Xlendi', l-ewwel edizzjoni tal-'Fireworks and Gastronomy Fesitval', il-programm fi żmien il-Milied 'A December to Remeber' u diversi ħarġiet kulturali għall-anzjani u r-residenti tal-lokalita'.

2.2.2 Is-Sindku għarraf ukoll il-pjanijiet tal-Kunsill għaż-żmien li ġej, fosthom proġetti oħrajn infrastrutturali bħal ir-riġenerazzjoni ta' belvedere fix-Xlendi u d-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka. Huwa informa lil dawk preżenti wkoll li għaddejjin diskussjonijiet mal-Ministeru Għal

Għawdex sabiex jiġi implimentat il-proġett tal-*masterplan* ta' Pjazza Anfori fix-Xlendi kif ukoll il-viżjoni tal-Kunsill biex fi Triq San Xmun isir *cantilever* għal aktar sigurta għal min juża din it-triq bil-mixi.

## 2.3 Suġġerimenti mill-Pubbliku Preżenti;

2.3.1 Ir-residenti preżenti, filwaqt li faħħru lill-Kunsill tax-xogħol li qed jagħmel, ressqu xi suġġerimenti tagħhom rigward il-Bajja tax-Xlendi fosthom sabiex ikun hemm aktar tisbieħ u xogħol ta' tindif, miżuri tat-traffiku fi Triq il-Kantra biex il-vetturi jnaqqsu l-veloċita', kif ukoll, aċċess aktar sigur biex iżuru t-Torri tax-Xlendi. Ma' dawn kien hemm ukoll suġġerimenti li jirrigwardjaw il-Munxar fosthom miżuri tat-traffiku u wiċċ ġdid għal Triq San Pawl kif ukoll bankini ġodda u aktar aċċessibli.

## 2.4 Estimi Finanzjarji 2023;

2.4.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lil dawk preżenti li ser tkun qed tittieħed nota tas-suġġerimenti tar-residenti sabiex flimkien mal-pjan li għandu l-Kunsill għas-sena 2023 jiġu riflessi fl-estimi finanzjarji għas-sena 2023 li ser ikun qed japprova l-Kunsill fil-laqgħa li jmiss tiegħu.

## 2.5 Tmiem il-laqgħa.

2.5.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45 ta' filgħaxija.

Damien Spiteri
Sindku

Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv